# P7_TA(2013)0284

# L-istat tad-dritt fir-Russja

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar l-istat tad-dritt fir-Russja (2013/2667(RSP))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-rapporti u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, b'mod partikolari dawk tas-17 ta’ Frar 2011 dwar l-istat tad-dritt fir-Russja[1], tat-13 ta’ Settembru 2012 dwar l-użu politiku tal-ġustizzja fir-Russja[2] u tat-13 ta’ Diċembru 2012 li fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati tal-Ftehim il-ġdid bejn l-UE u r-Russja[3],

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni eżistenti li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra (FSK), kif ukoll in-negozjati li jinsabu għaddejjin għal ftehim ġdid bejn l-UE u r-Russja,

– wara li kkunsidra s-‘Sħubija għall-Modernizzazzjoni’ li bdiet fl-2010 f’Rostov-on-Don u l-impenn meħud mit-tmexxija Russa favur l-istat tad-dritt bħala bażi fundamentali għall-modernizzazzjoni tar-Russja,

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Russja, b’mod partikolari l-Artikolu 118 tagħha, li jgħid li l-ġustizzja fil-Federazzjoni Russa għandha tkun amministrata mill-qrati biss, u l-Artikolu 120 tagħha, li jipprevedi li l-imħallfin ikunu indipendenti u subordinati biss għall-Kostituzzjoni Russa u għad-dritt federali,

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-dinja,

– wara li kkunsidra r-riżultati tas-Samit bejn l-UE u r-Russja li sar bejn it-3 u l-4 ta’ Ġunju 2013 u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem tad-19 ta’ Mejju 2013,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet li saru mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-assoċjazzjoni GOLOS, fuq is-sitwazzjoni tal-NGOs fil-Federazzjoni Russa u fuq il-każ Magnitsky,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Dritt u r-Responsabilità tal-Individwi, Gruppi u Organi tas-Soċjetà li Jippromwovu u Jipproteġu d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali Universalment Rikonoxxuti,

– wara li kkunsidra l-għoti min-naħa tal-Parlament tal-Premju Sakharov 2009 għal-Libertà

[1] ĠU C 188 E, 28.6.2012, p. 37.
[2] Testi adottati, P7_TA(2012)0352.
[3] Testi adottati, P7_TA(2012)0505.

tal-Ħsieb lil Memorial, organizzazzjoni mhux governattiva Russa li tikkampanja, inter alia, għad-drittijiet tal-priġunieri politiċi fir-Russja, u wara li kkunsidra l-appoġġ dejjem akbar fil-Parlament Ewropew favur "Memorial" bħala kandidat għall-Premju Nobel għall-Paċi,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-Liġi Federali Russa Nru 65 tat-8 ta' Ġunju 2012 dwar l-assemblej, il-laqgħat, id-dimostrazzjonijiet, il-marċijiet u l-gruppi ta' persuni jipprotestaw barra l-bini, u l-kodiċi ta' reati ammnistrattivi, fuq il-liġi Federali dwar il-ġlieda kontra attivitajiet estremisti u l-Liġi Federali Russa dwar is-Servizzi tas-Sigurtà Federali (FSB),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tfannad u tiżviluppa aktar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja bi qbil mal-prinċipji mnaqqxa fis-Sħubija għall-Modernizzazzjoni, ibbażata fuq l-impenn reċiproku kbir favur il-prinċipji demokratiċi, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-libertà tal-kelma, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà ta' għaqda, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-ugwaljanza;

B. billi, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u firmatarja tad-Dikjarazzjonijiet tan-NU, ir-Russja kkommettiet ruħha għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat ta' dritt,

C. billi għad hemm tħassib serju dwar l-iżviluppi fil-Federazzjoni Russa fir-rigward tar-rispett u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett ta' prinċipji, regoli u proċeduri demokratiċi li dwarhom sar qbil komuni,

D. billi l-libertà tal-istampa u l-midja, kemm onlajn kif ukoll offlajn, hija aspett kruċjali ta' soċjetà demokratika u miftuħa, kif ukoll hija fundamentali biex tiġġieled il-korruzzjoni u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; billi l-istampa indipendenti, bħala manifestazzjoni kollettiva tal-libertà ta' espressjoni, hi waħda mill-atturi prinċipali fix-xena tal-midja, li taġixxi bħala gwardjan tad-demokrazija;

E. billi, matul dawn l-aħħar snin, ħafna proċessi u proċedimenti ġudizzjarji, bħall-każijiet Magnitsky, Khodorkovsky, Politkovskaya u każijiet oħrajn, tefgħu dubju fuq l-indipendenza u l-imparzjalità tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji tal-Federazzjoni Russa; billi l-każijiet prominenti msemmija hawn fuq huma sempliċement biss dawk il-każijiet magħrufa barra mir-Russja ta' dak li jammonta għal falliment sistematiku tal-Istat Russu li jirrispetta l-istat tad-dritt u jiggarantixxi l-ġustizzja liċ-ċittadini tiegħu;

F. billi Alexei Navalny, avukat prominenti, attivist soċjali u persuna impenjata fil-kampanja kontra l-korruzzjoni, jinsab attwalment fi proċess fir-Russja fuq akkużi li huwa jiddikjara li jirrappreżentaw attentat politikament motivat biex jikkastigawh bħala wieħed mill-aktar avversarji prominenti tal-gvern; billi Navalny kixef b'mod konsistenti l-korruzzjoni massiva fl-ogħla livelli tal-makkinarju statali Russu;

G. billi l-prosekuturi jkomplu jiġru wara attivisti tal-oppożizzjoni li pparteċipaw fil-"March of Millions" fis-6 ta' Mejju 2012, il-jum qabel l-inawgurazzjoni tal-President Putin; billi, skont rapporti indipendenti affidabbli, il-pulizija ta' kontra l-irvelli użaw il-forza biex ifixklu d-dimostrazzjoni fil-Pjazza Bolotnaya u użaw forza sproporzjonata u vjolenza

arbitrarja fuq il-parteċipanti; billi r-rapporti tal-Kunsill Presidenzjali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Ombudsman tad-Drittijiet tal-Bniedem u kummissjoni investigattiva indipendenti magħmula minn persuni pubbliċi anzjani tefgħu t-tort kemm fuq l-awtoritajiet Russi kif ukoll fuq il-pulizija għall-vjolenza;

H. billi, matul dawn l-aħħar xhur, l-adozzjoni tal-liġijiet dwar ir-reġistrazzjoni tal-partiti politiċi, l-iffinanzjar tal-NGOs, id-dritt ta’ għaqda, l-estremiżmu, il-malafama u r-restrizzjonijiet fl-iffiltrar tal-internet ikkontribwiet b'mod sinifikanti biex tiddeterjora l-klima fir-rigward tal-iżvilupp ta' soċjetà ċivili ġenwina fir-Russja;

I. billi l-Parlament Russu, f'Lulju 2012, adotta liġi li tagħti status ta' "aġent barrani" lil organizzazzjonijiet mhux kummerċjali Russi impenjati f'attivitajiet politiċi u ffinanzjati minn barra l-pajjiż; billi matul l-aħħar snin il-liġijiet dwar l-NGOs u d-dritt għal-libertà ta’ għaqda intużaw biex joppressaw is-soċjetà ċivili, joħonqu l-opinjonijiet politiċi tal-oppożizzjoni u jagħtu fastidju lill-NGOs, lill-oppożizzjoni demokratika u lill-midja;

J. billi l-awtoritajiet federali ma għamlu xejn biex iwaqqfu l-leġiżlazzjoni diskriminatorja li tipprojbixxi 'propaganda omosesswali' milli tidħol fis-seħħ f'disa' reġjuni fir-Russja; billi d-Duma dan l-aħħar adotta liġi simili fil-livell nazzjonali;

K. billi l-membri tal-Kunsill Presidenzjali tad-Drittijiet tal-Bniedem ilmentaw bil-fastidju, l-intimidazzjoni, l-interrogazzjonijiet, it-tfittix fl-uffiċċji u l-proprjetà tagħhom u miżuri oħra mwettqa mill-aġenti tal-infurzar tal-liġi Russi;

L. billi l-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja jkomplu jinżammu lura min-nuqqas tar-Russja li tħaddan bis-sħiħ il-valuri demokratiċi u ssaħħaħ l-istat ta' dritt;

1. Ifakkar lir-Russja dwar l-importanza tal-konformità sħiħa mal-obbligi legali internazzjonali tagħha, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa, u mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-istat tad-dritt minquxa fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR);

2. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-liġijiet repressivi reċenti u l-infurzar arbitrarju tagħhom mill-awtoritajiet Russi, li ta' spiss wasslu għal fastidju fuq l-NGOs, l-attivisti tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-minoritajiet;

3. Jinsab imħasseb sew dwar il-falliment tar-Russja li tosserva l-obbligi legali internazzjonali tagħha biex tipproteġi l-libertà ta' assoċjazzjoni, espressjoni u għaqda, billi dan qed jhedded kemm il-vijabilità tas-soċjetà ċivili vibranti tar-Russja kif ukoll il-kooperazzjoni mal-UE;

4. Jerġa' jafferma d-diżappunt tiegħu bil-liġi li toffri l-istatus ta' "aġent barrani" lil organizzazzjonijiet mhux kummerċjali Russi impenjati f'attivitajiet politiċi u ffinanzjati minn barra l-pajjiż; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi biex jieqfu jirreġistraw NGOs bħala "aġenti barranin" fuq il-bażi ta' liġi li estendiet il-kontroll tal-istat fuq l-NGOs, billi jużaw id-definizzjoni vaga ta' attivitajiet politiċi inklużi f'din il-liġi, u billi jitfgħu stigma fuq NGOs u joħolqu atmosfera li hija ostili għas-soċjetà ċivili;

5. Iqis li l-ispezzjonijiet intrużivi, immirati u mifruxa, il-konfiska tal-proprjetà u l-multi amministrattivi imposti fuq l-NGOs Russi u l-attivisti tagħhom, li allegatament jirċievu ffinanzjar barrani, huma inammissibbli u jfixklu d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni;

barra minn hekk jikkritika t-tfittxija u l-pressjoni applikata fuq il-fondazzjonijiet politiċi internazzjonali; jiddispjaċih ħafna li xi NGOs diġà qed jaffaċċjaw akkuża, bħal Memorial, f'San Pietruburgu, jew diġà ngħataw is-sentenza, bħal GOLOS u ċ-Ċentru Levada; jinsab imħasseb dwar l-investigazzjonijiet imnedija kontra organizzazzjonijiet mhux governattivi li jfittxu li jibnu demokrazija fir-Russja, inklużi l-istituti internazzjonali;-{}-

6. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi biex jindirizzaw dan it-tħassib billi jagħmlu l-liġijiet imsemmijin hawn fuq konformi mal-istandards internazzjonali u l-impenji tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u kostituzzjonali tar-Russja, inkluża l-Kostituzzjoni tagħha stess, b'mod partikolari billi jitneħħew restrizzjonijiet legali, amministrattivi u oħrajn mingħajr bżonn fuq il-ħidma tal-NGOs;

7. Iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, is-SEAE u l-Kummissjoni biex iqisu, matul in-negozjati attwali dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u matul il-fażi tal-ipprogrammar, is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora għas-soċjetà ċivili, l-irtirar sfurzat ta' donaturi internazzjonali oħrajn u t-talbiet dejjem jiżdiedu għal appoġġ tal-UE, u biex tiġi prevista żieda sinifikanti fl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni lill-NGOs u s-soċjetà ċivili kif inhu xieraq;

8. Jinsab imħasseb sew dwar il-konsegwenzi negattivi tal-adozzjoni ta' liġi federali dwar il-"propaganda omosesswali", li tista' żżid id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra individwi tal-LGBTI;

9. Jistieden lill-awtoritajiet Russi biex jiggarantixxu l-pluraliżmu politiku, il-libertà tal-midja, l-istat tad-dritt, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, il-libertà tal-kelma u ta' għaqda, inkluż fuq l-internet, trejdunjins effettivi u indipendenti, u n-nondiskriminazzjoni, bħala prekundizzjoni neċessarja għall-iżvilupp u l-modernizzazzjoni ulterjuri tar-Russja, b'tali mod li tirrikonoxxi u tipproteġi d-drittijiet individwali u kollettivi taċ-ċittadini kollha tagħha; ifakkar li, skont il-liġi internazzjonali, l-istati għandhom obbligu li jappoġġjaw, direttament jew indirettament, l-iffinanzjar tal-attivitajiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari billi jinħoloq ambjent favorevoli mingħajr interferenza fl-indipendenza tagħhom;

10. Jesprimi tħassib serju dwar rapporti ta' proċessi politiċi, proċeduri mhux ġusti u fallimenti biex jiġu investigati reati serji bħal qtil, fastidju u atti ta' vjolenza oħrajn, kif deher f'Magnitsky, Khodorkovsky, Politkovskaya u f'każijiet oħrajn; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Russi jwettqu dmirijiethom b'mod effikaċi, imparzjali u indipendenti ħalli min wettaq l-atti jressquh quddiem il-ġustizzja;

11. Ifakkar fir-rakkomandazzjoni tiegħu dwar ir-restrizzjonijiet komuni rigward il-viża għal uffiċjali Russi involuti fil-każ Sergei Magnitsky u jitlob lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jimplimentaw projbizzjoni tal-viża mal-UE kollha u biex jiġu ffriżati l-assi finanzjarji fl-UE tal-uffiċjali kollha involuti fil-mewt ta' Magnitsky, li jinsab għaddej minn prosekuzzjoni wara mewtu, u ta' persuni oħrajn fir-Russja li kisru drittijiet tal-bniedem b'mod serju. jenfasizza li dawk l-individwi ma għandhomx jibbenefikaw minn xi ftehim bejn l-UE u r-Russja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-viżi;

12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiffaċilitaw u jevalwaw pożittivament rikjesti ta' viża minn attivisti politiċi Russi ppersegwitati;

13. Jilqa' l-ftuħ mill-ġdid reċenti tal-proċedimenti fil-każ tal-qtil ta' Anna Politkovskaya, aktar minn sitt snin wara li sparawlha, iżda wkoll jikkondividi t-tħassib li l-kwistjoni ta'

min ordna l-qtil tagħha probabbli mhux se toħroġ mill-każ;

14. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar il-każ ta' Alexei Navalny u jiddeplora l-allegazzjoni tan-natura motivata politikament ta' prosekuzzjoni tiegħu; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi jiżguraw li jingħata d-drittijiet kollha tiegħu u li l-proċess tiegħu jissodisfa l-istandards aċċettati internazzjonalment ta' proċess ġust; jistieden, f'dan ir-rigward, lid-Delegazzjoni tal-UE u lill-Missjonijiet tal-Istati Membri fir-Russja biex jissorveljaw il-proċessi tad-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż dak ta' Navalny u oħrajn, b'mod partikolari dawk li jseħħu fil-livell reġjonali;

15. Iħeġġeġ lir-Russja, fir-rigward tal-'March of Millions', tikkumissjona inkjesta indipendenti dwar il-vjolenza fi Pjazza Bolotnaya u, b'mod partikolari, tinvestiga l-allegazzjonijiet ta' użu eċċessiv ta' forza kontra d-dimostranti; jesprmi tħassib dwar l-allegazzjoni tan-natura motivata politikament tal-prosekuzzjonijiet marbuta mal-vjolenza fi pjazza Bolotnaya;

16. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi sabiex jiżguraw il-libertà tal-istampa u tal-midja, kemm online kif ukoll offlajn, li jrawmu ambjent ta' midja pluralista, jippermettu pjattaformi tal-midja, tal-ġurnalisti u tal-bloggers biex jissodisfaw ir-rwol ewlieni tagħhom fis-soċjetà Russa b'mod indipendenti, li jissalvagwardjaw il-fluss ħieles ta' informazzjoni u jiżguraw il-libertà ta' espressjoni; jenfasizza l-importanza tal-libertà tal-liġijiet ta' informazzjoni, li huma essenzjali għall-ġurnalisti u s-soċjetà ċivili biex jagħmlu x-xogħolhom bħala għassiesa;

17. Jistieden lir-Russja tikkopera bis-sħiħ mal-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż billi toħroġ stedina permanenti għall-żjarat fil-pajjiżi u twieġeb pożittivament għal talbiet pendenti għall-aċċess mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, dwar il-libertà ta' għaqda u ta' assemblea, u dwar il-libertà tal-espressjoni fir-Russja; jistieden lir-Russja wkoll taċċetta r-rakkomandazzjonijiet, magħmula fil-kuntest tar-Reviżjoni Perjodika Universali tar-Russja fil-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem, tħassar jew tirrevedi l-leġiżlazzjoni li taffettwa l-ħidma ta' NGOs u tieqaf tostakola x-xogħol marbuta mad-drittijiet tal-bniedem;

18. Jistieden lill-Kunsill jaddotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, li jservu biex jipprovdu appoġġ kritiku lil dawk kollha li fir-Russja jaħdmu biex jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u anki jorbot lis-27 Stat Membru tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE f'messaġġ u approċċ komuni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja;

19. Iħeġġeġ lir-Russja tieħu l-miżuri kollha possibbli biex tiżgura li l-membri kollha tal-Kunsill Presidenzjali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u b'mod aktar ġenerali dawk kollha li jaħdmu biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, jingħataw protezzjoni minn fastidju u intimidazzjoni;

20. Iħeġġeġ lill-Presidenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, kif ukoll il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, biex ikomplu jsegwu mill-qrib dawn il-każijiet, iqajmu dawn il-kwistjonijiet f'formati u laqgħat differenti mar-Russja u jirrapportaw lura lill-Parlament dwar l-iskambji tagħhom mal-awtoritajiet Russi;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.